MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 1005/2008/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 1497/2008 u fl-ismijiet;**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**
**v.**

**Carmelo Bianco f’ismu personali kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Western Company Limited (C-19994)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li Carmelo Bianco proprio et nomine pprezenta fit-3 ta’ Ottubru 2008, u li jaqra hekk:

"1. Illi l-esponenti jaghmlu riferenza ghall-mandat ta` sekwestru esekuttiv hawn fuq indikat [Dok. 'CB1'] ;

"2. Illi l-esponenti jirrilevaw illi dan il-mandat ta` sekwestru nhareg mill-Kummissarju intimat-esekutant wara li dan ressaq ittra ufficjali [Dok. 'CB2'] ghal liema ittra l-esponenti ressqu ittra ufficjali ta` twegiba min-naha taghhom [Dok. 'CB3'] li fiha jidher car illi l-esponenti kkontestaw tali ittra ufficjali ;

"3. Illi l-esponenti qed jipprevalixxu ruhhom mill-Artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta halli jitolbu t-thassir 'in toto' tal-mandat odjern u dana ghas-segwenti ragunijiet :

"A. id-disposizzjoni tal-ligi kkwotata fl-ittra ufficcjali mressqa mill-Kummissarju intimat [li minn Dokument 'CB2' jidher bic-car illi l-Kummissarju intimat sejjes l-ittra ufficjali tieghu solament a bazi ta` tali disposizzjoni tal-ligi] m`hix id-disposizzjoni tal-ligi korretta li fuqha mbaghad il-Kummissarju intimat jista` jottjeni titolu esekuttiv li a bazi tieghu jista` mbaghad imexxi permezz ta` mandat esekuttiv. L-artikolu tal-ligi li kellu jigi ccitat u li l-ittra ufficjali kellha ssir a tenur tieghu huwa l-Art. 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta` Malta. Ghalhekk l-ittra ufficcjali mibghuta mill-Kummissarju intimat ma tista` qatt titqies bhala avviz ghall-hlas fil-konfront ta` l-esponenti – esekutati. Dwar dan l-esponenti ghamluha cara fl-ittra ufficjali responsiva taghhom izda l-Kummissarju intimat minflok irretifika baqa` ghaddej permezz tal-mandat odjern ;

"B. Illi apparti minn hekk l-esponenti ghandhom ukoll ragunijiet fil-mertu ghalfejn ghandu jaqa` dan il-mandat li huma lesti illi jipprovaw waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors ;

"4. Illi ghalhekk hemm ragunijiet bizzejjed u validi skond il-ligi halli l-Qorti tuza s-setgha taghha u tirrevoka dan l-imsemmi mandat 'in toto';

"Ghaldaqstant l-esponenti-esekutati umilment jitolbu li, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka u thassar 'in toto' il-Mandat ta` Sekwestru Esekuttiv bin-Numru 1497/2008.

"Salv kull provvediment iehor li joghgobha tiehu din l-Onorabbli Qorti.

"Bl-ispejjez kollha kontra l-Kummissarju Intimat-Esekutant u b`riserva minn issa ghal kwalsiasi azzjoni, senjatament dik in linea ta` danni kontra l-istess Kummissarju Intimat."

Rat ir-risposta li l-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li in forza taghha eccepixxa illi:

"Illi t-talbiet ta` l-intimat Carmelo Bianco pro et noe huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra tieghu ghas-segwenti ragunijiet :

"1. Illi, in limine litis, it-talba ta` Carmelo Bianco pro et noe sabiex il-mandat ta` sekwestru ezekuttiv li jgawdi l-esponent fil-konfront tieghu personali u tas-socjeta` Western Company Limited jigi rrevokat u mhassar, jistrieh fuq zewg ragunijiet, u cioe` billi jittanta jattakka kemm l-ittra ufficjali (Paragrafu mmarkat 3A. fir-rikors ta` Carmelo Bianco pro et noe) kif ukoll l-hekk imsejha 'ragunijiet fil-mertu ... li huma lesti illi jipprovaw waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors' (Paragrafu mmarkat 3B. fir-rikors ta` Carmelo Bianco pro et noe). Illi ghalhekk l-istess talba ta` l-intimat Bianco pro et noe hija nulla u bla effett stante li ma tistax tintlaqa` minhabba li l-esponent illum ghandu titolu ezekuttiv fil-konfront ta` l-intimat Bianco pro et noe. L-intimat Bianco pro et noe seta`, kieku ried**, <u>fi zmien ghoxrin jum min-notifika</u>** jopponi ghat-talba ta` l-esponent billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bhala wahda nfondata (Art. 466(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta);

"2. Illi ghalkemm nhar l-20 ta` Dicembru 2007, l-esponent baghat demand notice formali lill-intimat pro et noe, dan baqa` inadempjenti;

"3. Di piu` l-esponent baghat ittra ufficjali lill-intimat Bianco pro et noe datata 14 ta` Jannar 2008 li giet debitament notifikata, liema ittra ufficjali tirrendi esekuttiva l-pretensjoni tal-Kummissarju;

"4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba ta` l-intimat Bianco pro et noe, sabiex il-mandat ta` sekwestru esekuttiv li jgawdi l-esponent fil-konfront tieghu jigi rrevokat u jithassar hija nulla ghax ma tinkwadrax ruhha taht il-parametri ta` l-Artikolu 283A tal-Kapitolu 12, u ghalhekk id-disposizzjonijiet specjali ta` dan l-artikolu ma japplikawx ghalih.

"L-Artikolu 283A tal-Kapitolu 12, u cioe` l-artikolu li a tenur tieghu l-intimat Bianco pro et noe ghamel it-talba tieghu lil din l-Onorabbli Qorti, jistipola illi "... min jinhareg kontrih **att esekuttiv** jista` jaghmel rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn jitlob li l-att esekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f`parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi." Rikors taht l-Artikolu 283A tal-Kap. 12 ghandu jsir sabiex att esekuttiv jithassar in toto jew in parte ghal raguni valida skond il-ligi. **Rikors li jsir sabiex jigi attakkat titolu esekuttiv ma jinkwadrax ruhu taht il-parametri ta` l-Artikolu 283A u ghalhekk id-disposizzjonijiet specjali ta` dan l-artikolu ma japplikawx ghalih**.

"Meta l-ligi tipprovdi ghal procedura specjali, bhalma certament hi dik skond l-Artikolu 283A, b`ghanijiet specifici, dik l-istess procedura ma tistax tigi estiza ghal ghanijiet ohra (Sentenza ta` l-Appell Superjuri President Noel Arrigo, Imhallef F. Depasquale u Imhallef V. Degaetano fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Persiano f`isimha proprju u ghan-nom ta` binha minuri Tiziana deciza fil-5 ta` Frar 2002 – l-ahhar sentenza ta` pagna 4**).

"Kif insenjat din l-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta illi l-ghan ta` l-Artikolu 283A tal-Kap. 12 :

““huwa marbut ma` xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju ... Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra (Dan l-istess kliem intqal ukoll fis-sentenza tal-istess Qorti – P.A. JRM 30.10.2003 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Vella vs Lloyd`s Malta Limited u General Insurance Services Limited**).

“Il-ligi ma tghidx x`tista` tkun “raguni valida skond il-ligi”, li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista` jinghad li l-mandat jista` biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma (P.A. AJM 14.11.1994 fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Spiteri vs Anthony Perry et** degriet interlokutorju).

“... jidher li l-Mandat ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu (Art. 274 tal-Kap. 12) u certament inhareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati” (P.A. JRM 5.5.2005 fil-kawza fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana, Aronne sive Ronnie Cacciattolo u Mario Debattista**).

“Fil-fatt l-istess Onorabbli Qorti, diversament preseduta, rreteniet ukoll illi :

““Jekk procedura mibdija taht l-artikolu 283A tal-Kap. 12 jkollha rizultat favorevoli ghall-parti rikorrenti, dak li jsehh huwa r-revoka (jigifieri t-thassir) contrario imperio ta` degriet li l-Qorti tkun tat qabel meta laqghet it-talba ghall-hrug tal-Mandat (P.A. JRM 30.10.2003 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Vella vs Lloyd`s Malta Limited u General Insurance Services Limited**)”;

“5. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit dwar it-tieni raguni li jaghti l-intimat Bianco pro et noe ghaliex, skond hu, ghandu jigi mhassar il-mandat odjern, u cioe` dik elenkata fil-paragrafu mmarkat paragrafu 3.B. jirrizulta ampjament car, kemm fl-ittra ufficjali (107/08PA) kif ukoll fil-mandat odjern, illi l-ammont

dovut mill-intimat Bianco, personalment, kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta` Western Company Limited, huwa ta` mija u sbatax-il elf, tmien mija u disgha u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (Euro 117,839.75). Illi ghall-grazzja ta` l-argument, u ghall-grazzja ta` l-argument biss, l-esponent jirrileva fil-mertu li anke kieku wiehed kellu jaccetta l-verzjoni ta` l-intimat Bianco pro et noe li huwa ghandu ragunijiet fil-mertu ghalfejn ghandu jaqa` dan il-mandat, l-intimat Bianco pro et noe messu gab prova sabiex juri dan. M`huwiex bizzejjed illi huwa jaghmel semplici dikjarazzjoni sabiex jittanta juri dan ;

“6. Ghalhekk jibqa` l-fatt li l-ammont dovut taht il-ligi mill-intimat Bianco pro et noe hu ta` mija u sbatax-il elf, tmien mija u disgha u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmi (Euro 117,839.75) ;
“7. Illi jidher car illi l-iskop ahhari u uniku ta` l-intimat Bianco pro et noe huwa li jtawwal il-process sabiex jipprova jipposponi l-hlas minnu dovut lill-esponent ;

“8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

“Ghaldaqstant, in vista ta` dak kollu fuq premess, l-esponent jissottometti illi r-rikorsipprezentat mill-intimat Carmelo Bianco pro et noe ghandu jigi michud, bl-ispejjez a kariku ta` l-istess intimat Bianco pro et noe.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Settembru 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

**“… … filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimat, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kollha ta` din il-kawza jithallsu mir-rikorrenti.”**

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**“II. <u>L-istanza</u>**

**“Minn analizi akkurata tar-rikors promotorju, jirrizulta illi r-rikorrenti qeghdin isostnu t-talba taghhom ghar-**

**revoka tal-Mandat de quo fl-ewwel lok fuq pregudizzjali ta` dritt u fit-tieni lok ghal raguni ta` mertu. Qabel tqis it-tieni kwistjoni u cioe` ghandhiex tidhol fil-mertu tenut kont tal-istanza promossa mir-rikorrenti, din il-Qorti sejra tiddeciedi l-ewwel kwistjoni u cioe` jekk hemmx pregudizzjali ta` dritt li jaghti sostenn lit-talba tar-rikorrenti.**

"Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu r-revoka in toto tal-mandat de quo abbazi tal-**Art.283A tal-Kap.12**. Din id-disposizzjoni llum m`ghadhiex fis-sehh wara li kienet thassret bl-Att XIV tal-2006 u kienet sostitwita bl-Art.281 tal-Kap.12 li ghandu firxa ta` applikazzjoni aktar wiesgha milli kellu l-Art.283A. It-thassir u s-sostituzzjoni gew fis-sehh fl-1 ta` Jannar 2009. **Ghalhekk meta r-rikorrenti mexxew bl-azzjoni tal-lum, l-Art.283A kien ghadu in vigore**.

"L-argument ta` dritt ewlieni tar-rikorrenti huwa li fl-ittra ufficjali tal-14 ta` Jannar 2008 kienet citata disposizzjoni hazina tal-Att XXIII tal-1998 (illum Kap. 406) fis-sens illi l-artiklu t-tajjeb tal-ligi kellu jkun l-Art.59 mhux l-Art.66. U ghalhekk, skond ir-rikorrenti, ladarba sar dak l-izball, l-intimat ma jistax *jottjeni titolu esekuttiv li a bazi tieghu jista` mbaghad imexxi permezz ta` mandat esekuttiv.* Ikomplu r-rikorrenti illi dak l-att gudizzjarju ma jista` qatt *titqies bhala avviz ghall-hlas fil-konfront ta` l-esponenti – esekutati.*

"Minn ezami tal-Art.66, wiehed isib li dik id-disposizzjoni bid-diversi subartikoli taghha m`ghandha x`taqsam xejn mal-procedura li l-intimat irid isegwi biex jottjeni titolu ezekuttiv skond il-Kap.406. Id-disposizzjoni korretta kienet fil-fatt l-Art.59 tal-Kap.406. Il-partijiet rilevanti huma s-subartikoli (1) u (2) illi jghidu hekk –

*""(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta` taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xiehda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-*

*Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*"(2) Il-Kummissarju jista` jitlob il-hlas ta` kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta` nota ta` talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta` talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista` jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta` talba ghall-hlas li ssir permezz ta` att gudizzjarju …"*

"Accertat <u>bhala fatt</u> illi fl-ittra ufficjali tal-14 ta` Jannar 2008 kienet citata disposizzjoni partikolari zbaljata mill-Att XXIII tal-1998, fl-istess waqt din il-Qorti tghid illi ghalkemm tassew hekk gara ma jfissirx li dak il-fatt bilfors ghandu l-effett illi qeghdin jipprospettaw ir-rikorrenti. Dan qieghed jinghad ghaliex minn ezami meqjus tal-ewwel u tat-tieni subartikoli tal-Art.59, wiehed isib illi hemm differenza markata bejn iz-zewg disposizzjonijiet, fis-sens illi l-ewwel subartikolu jittratta <u>l-kostituzzjoni</u> tat-titolu ezekuttiv, filwaqt illi t-tieni subartikolu jittratta <u>l-ezekuzzjoni</u> ta` dak it-titolu ezekuttiv.

"Is-subartikolu (1) tal-Art.59 ighid car li dak illi jikkostitwixxi t-titolu ezekuttiv ghall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kap.12 huwa l-avviz li johrog l-intimat u li juri l-ammont ta` taxxa u penali amministrattiva dovuti mill-persuna koncernata lill-intimat, u li ma jkunx kontestat bi prova kuntrarja mill-persuna koncernata. Ghal din il-Qorti, dan ifisser illi sabiex ir-rikorrenti jghidu illi ma hemmx titolu ezekuttiv, jinkombi fuqhom l-oneru illi jaghmlu l-prova ta` zewg hwejjeg : fl-ewwel lok, iridu jippruvaw illi l-intimat ma baghat l-ebda avviz illi juri l-ammont ta` taxxa u penali amministrattiva dovuti ; u fit-tieni lok, iridu jippruvaw illi gabu provi kuntrarji wara li hadu l-avviz. Din il-Qorti sejra tgharbel il-provi sabiex tistabilixxi dan – naha jew ohra.

**"Ikkunsidrat :**

**“III. Risultanzi**

“Fid-**29 ta` Settembru 2008**, inhareg il-Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Nru. 1497/08 kontra r-rikorrenti ghall-ammont ta` €117,893.75 (fol 4) bis-sahha tal-fatt illi ittra ufficjali tal-14 ta` Jannar 2008 (107/08 PA) li l-intimat kien ipprezenta kontra r-rikorrenti kienet reza ezegwibbli.

“L-ittra ufficjali tal-**14 ta` Jannar 2008** (fol 8) taghmel riferenza ghall-Art.66 tal-Att XXIII tal-1998 pero` tghid illi kienet qeghda ssir ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *sabiex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kontra tieghek permezz ta` l-Avviz li ntbaghat lilek.* L-ittra tghid ukoll illi fin-nuqqas kienu sejrin jigu prezentati mandati.

“Jirrizulta li l-att kien notifikat fl-indirizz “Gianluca Garage”, St. Mary Street, Birkirkara. Ir-referta tal-marixxall iggib id-data tat-8 ta` Frar 2008. Ir-rikorrenti mhux jikkontestaw in-notifika ta` l-att tant li huma wiegbu b`ittra ufficjali taghhom tat-18 ta` Frar 2008 (fol 11) – u allura ben oltre l-jumejn wara n-notifika – fejn illimitaw ruhhom ghar-respingiment ta` l-pretensjonijiet tal-intimat billi qalu li kienu *totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma ghandu ebda pendenza mad-dipartiment in kwistjoni.*

“Fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2008, Charles Caruana, Ufficjal tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ipprezenta bil-gurament l-avviz li kien intbaghat lir-rikorrenti bil-hlasijiet pretizi mir-rikorrenti bhala taxxa u penali ghas-snin ta` bejn l-1 ta` Jannar 2000 u t-30 ta` Gunju 2008 (Dok C1 a fol 21 sa fol 45).

“L-azzjoni tar-rikorrenti hija mpernjata fuq il-pretensjoni illi ghaliex l-ittra ufficjali tal-intimat tal-14 ta` Ottubru 2008 taghmel riferenza ghall-Art.66 (mhux ghall-Art.59) tal-Kap.406, allura dik l-ittra ufficjali ma tistax titqies bhala **avviz** ghall-hlas. Hekk issottomettew ir-rikorrenti fir-rikors promotorju u hekk komplew isostnu fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom. F`din tal-ahhar qalu hekk – *kollox beda bl-ittra ufficjali tal-2008 u kienet l-ittra ufficjali monka tal-2008 illi halqet civitas diaboli ta` atti proceduralment konfondenti.* ***Issa huwa car illi l-ittra tal-***

***<u>2008 ma tistax tohloq titolu ezekuttiv taht l-Artikolu 59 tal-Kap.406</u>.*** *L-imsemmija ittra ma tirreferix ghall-artikolu 59 tal-Kap.406 u ma avzatx lill-esponenti taht liema estremi qed tinhareg.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

"Din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-pretensjoni tar-rikorrenti.

"<u>L-ewwel subartikolu</u> tal-Art.59 jittratta l-kostituzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Mhumiex korretti r-rikorrenti meta jsostnu illi hija l-ittra ufficjali li <u>tohloq</u> it-titolu ezekuttiv u allura jgibu l-argument illi ghax, skond huma, kienet monka, allura ma tghoddx bhala avviz. Huwa ben evidenti mit-test tal-ewwel subartikolu illi huwa l-avviz ghall-hlas, jekk ikunu sodisfatti l-kriterji tal-istess subartikolu, li jaghmel it-titolu ezekuttiv. L-ittra ufficjali lanqas biss tissemma fl-ewwel subartikolu. L-att gudizzjarju jissemma biss fit-tieni subartikolu. Issa fil-kaz tal-lum saret il-prova mill-intimat illi l-avviz li ghalih jirreferi l-ewwel subartikolu ntbaghat lir-rikorrenti. Huwa d-dokument C1 a fol 21 et seq li ghalih irrefera x-xhud Charles Caruana fid-deposizzjoni tieghu tal-24 ta` Ottubru 2008 (fol 46). Ir-rikorrenti mhux qeghdin ighidu li ma rcevewx dak id-dokument anzi tant dak l-avviz wasal ghandhom illi gabu bhala xhud taghhom lil George Catania mid-dipartiment intimat biex jixhed illi mal-intimat kien intlahaq ftehim dwar modalita` tal-hlas u allura, skond ir-rikorrenti, ma kienx hemm il-htiega tal-prezentata tal-Mandat. Min-naha tieghu, George Catania fix-xiehda tieghu jaghmilha cara li kwalsiasi ftehim li seta` kien hemm mar-rikorrenti dwar hlas ta` taxxa kien ihalli impregudikat l-obbligu tar-rikorrenti li jhallsu l-penali amministrattivi u l-imghaxijiet dovuti minnhom.

"Mela abbazi tal-ewwel subartikolu tal-Art.59, ladarba l-avviz ghall-hlas wasal ghand ir-rikorrenti, u ladarba ma rrizultax illi r-rikorrenti taw prova kuntrarja, kif tghid l-istess disposizzjoni, ghal dak pretiz minnhom mill-intimat, dak l-avviz sar titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti. Huwa ben car mit-test tal-istess disposizzjoni illi prova kuntrarja, jekk hemm, trid tinghata *a tempo vergine* wara li jasal l-avviz ghand il-persuna koncernata sabiex l-avviz ma jsirx titolu ezekuttiv, u allura mhux wara li ssir l-esekuzzjoni ta`

mandat ezekuttiv. **<u>Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-ewwel kawzali tar-rikorrenti kif dedotta hija legalment insostenibbli.</u>**

"Ir-rikorrenti mhumiex jghidu fir-rikors promotur illi <u>l-ezekuzzjoni</u> tat-titolu ezekuttiv saret hazin, u allura bi ksur tat-tieni subartikolu tal-Art.59, propju ghaliex il-punto di partenza f`mohh ir-rikorrenti kien illi l-ittra ufficjali hija l-avviz li jsemmi l-ewwel subartikolu u allura skond ir-rikorrenti ghax ighidu li kienet monka ma kienx hemm avviz u allura ma kienx hemm titolu ezekuttiv.

"Din il-Qorti tinnota illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti ma gabu `l quddiem l-ebda kawzali li tolqot l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv kif previst mit-tieni subartikolu tal-Art.59. Ghalhekk **<u>minhabba l-mod kif kienet impostata l-istanza tar-rikorrenti</u>**, din il-Qorti hija prekluza milli tistharreg jekk fl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv, skond it-tieni subartikolu tal-Art.59, l-intimat, qabel ipprezenta l-att gudizzjarju li, wara jumejn min-notifika tal-istess, jirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv skond l-ewwel subartikolu, talabx fl-ewwel lok bil-mezz ta` nota ta` talba ghall-hlas (fit-test bl-Ingliz – *demand note*) ta` kull taxxa u penali amministrattiva dovuta, u fit-tieni lok osservax iz-zmien tletin (30) jum mid-data meta dik in-nota ta` talba ghall-hlas giet notifikata, jekk giet, lill-persuna koncernata.

"Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Gunju 2011 fil-kawza "**<u>Farrell vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud</u>**", il-Qorti tal-Appell kienet qalet hekk –

*""Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta` kawzali partikolari* ***<u>, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti li tinvestiga lill`hinn minn dik il-kawzali</u>****.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

"<u>It-tieni kawzali tar-rikorrenti tolqot il-mertu</u>. Fis-sostanza, ir-rikorrenti qeghdin ighidu illi l-intimat ma seta` qatt jipprezenta dak il-Mandat ghall-ammont hemm indikat stante li l-ammonti reklamati kienu stimi u mhux ammonti

dovuti. Fil-fatt, skond ir-rikorrenti, l-ammont li ghandhom jaghtu lill-intimat huwa ferm izghar minn dak li kien reklamat fil-Mandat.

“Mill-impostazzjoni ta` din il-kawzali, jinsorgu zewg kwistjonijiet : wahda ta` dritt u l-ohra ta` fatt.

“L-ewwel kwistjoni. Ir-rikorrenti rcevew l-avviz ghall-hlas skond l-Art.59(1). Ma rrizultax li pprezentaw prova kuntrarja *a tempo vergine* wara li wasal ghandhom l-avviz. Saru l-proceduri skond l-Art.59(2). L-uniku difiza li ressqu r-rikorrenti fl-ittra ufficjali taghhom tat-18 ta` Frar 2012 kienet illi ma kellhom l-ebda pendenza mal-intimat. U dan sar meta kienu diga` ghaddew il-jumejn min-notifika tal-att gudizzjarju, li allura jfisser li meta kienet prezentata l-ittra ufficjali tar-rikorrenti, it-titolu ezekuttiv kien diga` sar ezegwibbli *ope legis*. Il-procedura segwita mill-intimat skond l-Art.59(2) ma kenitx kontestata mir-rikorrenti fir-rikors promotur. Ikkontestaw il-legalita` tal-ksib tat-titolu ezekuttiv skond l-Art.59(1). Dan kollu jirrisolvi ruhu fil-konsiderazzjoni illi ma jistghux ir-rikorrenti bil-procedura skond l-Art.283A tal-Kap.12 jittentaw jaghmlu dak illi naqsu milli jaghmlu matul iz-zmien kollu kemm it-titolu ezekuttiv ma kienx ghadu sar ezegwibbli. Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha tal-24 ta` Jannar 2012 fir-Rikors Nru. 406/2010 – ***Fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 541/10 fl-ismijiet “Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kontraJohn Azzopardi”*** u ghall-gurisprudenza hemm citata.

“It-tieni kwistjoni. Kienx korrett inkella le l-ammont mitlub ma jistax jigi determinat llum izda meta saret l-ittra ufficjali tal-14 ta` Jannar 2008 u meta kien prezentat il-Mandat. Jekk r-rikorrenti ma pprezentawx ir-*returns* skond il-ligi, messhom kienu jafu x`setghat kellu l-intimat fil-konfront taghhom kemm ghal dik li hija taxxa kif ukoll penali amministrattiva. Il-Mandat ma jigix revokat semplicement ghaliex fil-frattemp ir-rikorrenti bdew jirregolaw ruhhom anke jekk in parte.

“Ir-*raguni valida skond il-ligi* li jittratta l-Art.283A tal-Kap.12 sabiex tiskatta r-revoka trid tirrizulta fid-data tal-presentata

tal-Mandat. Fil-kaz tal-lum, ghajr iz-zewg kawzali li ndikaw fir-rikors promotur, ir-rikorrenti ma ressqu ebda raguni ohra fir-rikors promotur sabiex isostnu l-istanza taghhom tar-revoka tal-Mandat.

“Jekk ir-rikorrenti kienu tal-fehma illi l-ammonti pretizi minnhom ma kienux dovuti, ma kellomx jirregistraw l-opposizzjoni taghhom wara li t-titolu ezekuttiv kienu diga` sar ezegwibbli. Il-kawza tal-lum ma tistax isservi lir-rikorrenti bhala pretest sabiex jiskansaw l-effetti tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv.”

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent proprio et nomine li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

“… … thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tas-17 ta’ Settembru 2012, u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju intimat appellat, u minflok tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra il-Kummissarju appellat.”

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gia` l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi:

“… … l-appell ipprezentat mill-appellanti Carmelo Bianco f’ismu personali kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Western Company Limited ghandu jigi michud, u s-Sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Settembru 2012 fl-ismijiet il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Carmelo Bianco f’ismu personali kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Western Company Limited, ghandha tigi konfermata fl-interezza taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qed jimpunja mandat ta' sekwestru ezekkuttiv li inhareg kontrieh fuq talba tal-Kummissarju intimat. Il-bazi tal-lanjanza tar-rikorrent hi li, l-imsemmi intimat, fl-ittra ufficjali li ressaq u li pprecediet il-hrug tal-mandat, iccita artikolu hazin tal-ligi, u allura, skont hu, l-intimat ma akkwistax titolu ezekuttiv u ma setax isegwi dik l-ittra ufficjali bil-hrug ta' mandat ezekuttiv. Qal ukoll li kellu oggezzjonijiet "fil-meritu" ghall-hrug tal-imsemmi mandat.

L-ewwel Qorti, wara li ghamlet analizi tal-ligi in materja u l-fatti tal-kaz, cahdet it-talbiet tar-rikorrenti.

Sar appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti, pero`, fir-rigward tal-ewwel aggravju, din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti, fis-sens li t-titolu ezekuttiv ma jinholoqx bil-prezentata u n-notifika tal-ittra ufficjali, kif jallega r-rikorrent, izda, bil-hrug u n-notifika tal-avviz ghal hlas. L-Artikolu 59(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406, jghid b'mod car illi l-avviz mahrug mill-Kummissarju "ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv". Skont is-subartikolu (2) ta' dan l-istess artikolu, jekk wara l-hrug tal-avviz jibqa ma jsirx hlas, il-Kummissarju jista' jitlob il-hlas bil-mezz ta' "nota ta' talba ghall-hlas" *(demand note),* u jekk il-hlas ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' dik in-nota, jista' jipprezenta "att gudizzjarju", u jumejn wara jitlob il-hrug tal-mandati ezekuttivi opportuni. Kwindi, il-premessa tat-talba tar-rikorrent li "id-difett" fl-ittra ufficjali jfisser li ma jezistix titolu ezekuttiv hija zbaljata, ghax it-titolu ezekuttiv jinholoq jekk u meta l-avviz ghall-hlas ma jigix ikkontestat mid-debitur.
F'dan il-kaz, jirrizulta, kif anke affermat l-ewwel Qorti, li l-avviz ghall-hlas inhareg mill-Kummissarju, intbaghat lir-rikorrent u dan wasal ghandu, tant li kienu saru xi diskussjonijiet ghall-ftehim dwar modalita` ta' hlas. Issa, f'dan l-istadju ta' appell, ir-rikorrent qed jghid li hu qatt ma rcieva n-nota ta' talba ghall-hlas *(demand note).* Din l-allegazzjoni, pero`, ma hijiex kawzali mressqa bhala raguni ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru. Kif inghad,

l-azzjoni tar-rikorrenti hija bazata fuq l-allegazzjoni li l-ittra ufficjali ma tiswiex bhala titolu ezekuttiv ghax fiha giet kwotata dispozizzjoni zbaljata tal-ligi. Ma giex allegat nuqqas ta' notifika tan-nota ta' talba ghall-hlas. Hu maghruf li l-kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta' kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti tinvestiga lill' hinn minn dik il-kawzali. Kif intqal, per ezempju, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Azzopardi v. Azzopardi**, deciza fil-31 ta' Jannar 2003, *"Il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed".*

Apparti dan, jirrizulta li din it-talba saret u intbghatet fl-indirizz "St. Anthony", Triq Giovanni Mamo, Birkirkara, li jidher li hu l-indirizz fejn intbaghtet il-korrispondenza precedenti u sussegwenti ghal hrug tat-talba u li dejjem gabu reazzjoni mir-rikorrenti – kif jirrizulta mid-dokumenti minn fol. 173 sa 176 fil-process. Skont l-Artikolu 73 tal-imsemmi Kap. 406, ittra jew avvizi mibghuta fl-indirizz tad-debitur jitqiesu notifikati sakemm ma ssirx prova kuntrarja, li f'dan il-kaz ma saritx.

Fir-rigward tal-allegat "difett" fl-ittra ufficjali, dan ma jwassalx biex jinnewtralizza l-iskop tal-att gudizzjarju bhala att mehtieg qabel ma jinhareg il-mandat ezekuttiv. Dan qed jinghad anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 72(1) tal-Ligi, fis-sens illi:

*"**72.** (1) Kull avviz, mandat jew procediment iehor li jsir b'ghan skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma ghandux jitqies li jkun null jew li jista' jigi annullat minhabba f'nuqqas materjali jew li jkun difettuz minhabba f'xi zball, difett jew ommissjoni li jkollu, jekk dan ikun materjalment u effettivament jaqbel mal-hsieb u skont it-tifsir ta' dan l-Att."*

Bit-tieni aggravju tieghu, ir-rikorrenti jittanta jqajjem kwistjonijiet li jidhlu fil-meritu tat-talba tal-Kummissarju. Fuq materja simili, din il-Qorti fil-kawza **Farrell v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, deciza fl-24 ta' Gunju 2011, osservat illi:

*"Din il-Qorti, fil-kuntest ta' talba ghat-thassir ta' titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, f'kuntest simili ghal dan il-kaz, u fejn ir-rikorrent ried jikkontesta dak it-titolu fuq il-kawzali li "l-ammont ma huwiex korrett u ma hux dovut mir-rikorrenti" (kawzali kwazi identika ghal dik li ressaq ir-rikorrenti odjern bhala l-bazi tal-azzjoni tieghu), fil-kawza* ***Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni****, deciza fit-28 ta' Mejju 2010, kienet osservat illi la darba r-rikorrent kellu kull opportunita`, fit-termini impost mil-ligi, li jikkontesta dawn l-istimi, izda naqas li jaghmel dan, ma setax aktar jikkontesta l-meritu ta' dawk l-istimi."*

Darba li r-rikorrent kien tal-fehma illi l-ammonti pretizi minnu ma kienux dovuti, ma kellux jirregistra l-oppozizzjoni tieghu <u>wara</u> li t-titoli ezekuttivi kienu diga` rezi ezegwibbli. Ma tistax titressaq bhala "raguni valida" biex jithassar mandat ezekuttiv oggezzjoni fuq il-meritu li, skont il-ligi, kellha titressaq f'terminu perentorju kif determinat mill-istess ligi.

Kwindi, l-aggravji tal-appellant qed jigu kollha michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Carmelo Bianco proprio et nomine, billi tichad l-istess u tikkonferma in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------